# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis dsatax (19) ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru 76/15 FDP**

**Panta Marketing and Services Limited**
**(C 11233)**

**vs**

**Raymaxfilm GMBH**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-2 ta' Marzu 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' erbat elef, tlett mija u sitt Euro u sebgha u tletin centezmu (€4,306.37) rapprezentanti ammont dovut in rigwarda ta' provizjoni, installazzjoni u kummissjonar ta' VRY Air Conditioning System li saru fuq istruzzjonijiet taghha.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz u bl-imghax mid-data tal-hlas sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat illi fl-10 ta' Gunju 2015, a tenur tar-Regolament Ewropew 1348/2000, is-socjeta intiamta giet notfikata bl-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru. (fol 23 tergo)

Illi fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2015 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 25).

Rat illi fis-seduta ta' llum, 19 ta' Novembru 2015, is-socjeta konvenuta jew rappresentant taghha gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, tlett mija u sitt Euro u sebgha u tletin centezmu (€4,306.37) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta kif mitluba.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**